REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/272

tad-19 ta' Frar 2015

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 612/2013 dwar l-operazzjoni tar-reġistru ta' operaturi ekonomiċi u mħażen tat-taxxa, statistika relatata u rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2073/2004 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 22 tiegħu,

Billi:

(1) Destinatarji rreġistrati jew magazziniera awtorizzati għandhom jitwaqqfu milli jiddikkjaraw, b'mod ħażin, li ġew awtorizzati skont l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE ([2]) li jċaqilqu prodotti tas-sisa lejn post ta' kunsinna diretta skont arranġament ta' sospensjoni tad-dazju.

(2) Spedituri rreġistrati u magazziniera awtorizzati għandhom għaldaqstant ikunu jistgħu jivverifikaw, permezz tar-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, jekk destinatarji reġistrati jew magazziniera awtorizzati kisbux din l-awtorizzazzjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 612/2013 ([3]) għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(4) Huwa meħtieġ li jiġi stipulat perjodu suffiċjenti ta' żmien biex il-Kummissjoni tkun tista' timplimenta bidliet fir-reġistru ta' operaturi ekonomiċi u mħażen tat-taxxa msemmija fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont il-fehma tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 612/2013/UE, huwa miżjud il-punt (iv) li ġej:

"(iv) informazzjoni dwar il-kodiċi tar-rwol tal-operatur li tindika jekk destinatarju reġistrat jew magazzinier awtorizzat huwiex awtorizzat skont l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2008/118/KE biex iċaqlaq oġġetti soġġetti għas-sisa lejn post ta' kunsinna diretta (il-grupp ta' dejta 2.3 stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 612/2013 tal-25 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjoni tar-reġistru ta' operaturi ekonomiċi u mħażen tat-taxxa, statistika relatata u rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa (ĠU L 173, 26.6.2013, p. 9).